**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

**Illum l-Erbgha, 22 ta' Gunju 2022**

Numru 1

**Rikors Guramentat Nru. 238/2022**

**Av. Antoine Camilleri bhala prokuratur specjali**
**ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta estera**
**adidas AG ta' Adi-Dassler Str. 1, Herzogenaurach 91074, Germany**

**vs**

**Dr Daniel Attard u P.L. Veronica Rossignaud**
**kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil**
**DTD Global Service Ltd Room 606 Building E Bantian**
**International Centre Huancheng South Road No 5**
**Bantian Street Longgang District Shenzhen, China u**
**United Freight and Transport Service Sarl U.T.F.S Port Area**
**Port Tower Building 6th Floor Beirut Lebanon, nominati**
**b'digriet tat-28 ta' April 2022**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur nomine tas-17 ta' Marzu 2022 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta rikorrenti adidas AG, ta' Adi-Dassler Str. 1, Herzogenaurach 91074, Germany hija proprjetarja ta' diversi disinni registrati, fosthom id-disinni maghrufa bhala "adidas Yeezy design" liema disinni rregistrati huma wzati mis-socjeta rikorrenti fuq diversi prodotti manifatturati minnha bhal zraben sportivi, u dan skont kif jidher fuq id-Dokumenti "A", "B", "C", u "D";

2. Illi s-socjeta rikorrenti hija detentrici tad-dritt ta’ proprjeta industrijali ghar-rigward tal-istess disinni maghrufa bhala “adidas Yeezy design” skont il-provvedimenti tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta (Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta Intelletwali (Mizuri Intrakonfini), kif ukoll skont il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013 concerning customs enforcement of intellectual property rights and repealing Council Regulation (EC) No 1383/2003 u dan ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta rikorrenti irregistrat l-imsemmija disinni “adidas Yeezy design” bhala Registered Community Designs mal-“European Union Intellectual Property Office” tal-Unjoni Ewropea (ibbazat f’Alicante, Spanja) taht Numru 006570867-0001 (kif muri f’Dok. “A”), Numru 006570867-0002 (kif muri f’Dok. “B”), Numru 006570867-0003 (kif muri f’Dok. “C”), u Numru 006570867-0004 (kif muri f’Dok. “D”) kif ukoll minhabba l-fatt illi s-socjeta rikorrenti tgawdi drittijiet tal-awtur fuq l-istess disinni “adidas Yeezy design” kif muri fl-imsemmija Registered Community Designs;

3. Illi jirrizulta illi fit-13 ta’ Jannar 2022 iddahhlet gewwa Malta fuq il-vapur “CMA CGM TENERE”, u/jew giet importata temporanjament u/jew tqieghdet gewwa zona hielsa jew mahzen hieles, konsenja ta’ zraben sportivi li jgibu fuqhom u jinkorporaw id-disinni rregistrati “adidas Yeezy design” fuq imsemmija liema konsenja tikkonsisti f’elf sebgha mija u erbgha u sittin (1,764) par zraben sportivi, f’Container Numru ECMU8006234 u li ma humiex genwini, u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta (Att dwar Drittijiet Dwar Proprjeta Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)) u bi ksur tal-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013 concerning customs enforcement of intellectual property rights and repealing Council Regulation (EC) No 1383/2003, kif inhu ben spjegat hawn taht;

4. Illi mill-Polza ta’ Kargu Numru GGZ1571100A (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok. “I”) jirrizulta li d-dettalji tax-Shipper ghal merkanzija in kwestjoni huma ndikati bhala “DTD Global Service Ltd Room 606 Building E Bantian International Centre Huancheng South Road No 5 Bantian Street Longgang District Shenzhen, China”, filwaqt li l-konsenjatarju huwa ndikat bhala “United Freight and Transport Service Sarl U.T.F.S Port Area Port Tower Building 6th Floor Beirut Lebanon”;

5. Illi d-dhul gewwa Malta, u/jew l-esportazzjoni u/jew ir-ri-esportazzjoni ghal-cirkolazzjoni hielsa, u/jew importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta’ oggetti li jikkontravvjenu dritt dwar il-proprjeta intellettwali huwa projbit skont l-Artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi dawn iz-zraben sportivi in kwistjoni jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti skont l-Artikolu 2(1)(a) u (b) u l-Artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skont l-Artikolu 2(5) u/jew (6) tar-Regolament U.E. 608/2013, u dan ukoll kif ben spjegat mill-analizi li ghamlu rapprezentanti tas-socjeta estera adidas International Marketing BV, ghas-socjeta rikorrenti (ara rapport tal-analizi mmarkat bhala Dok. “E”);

7. Illi din il-konsenja ta’ zraben sportivi bhalissa tinsab mizmuma mill-Kontrollur tad-Dwana taht il-provvedimenti tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta’ Malta u taht il-

provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013 wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-istess Kontrollur wara li giet ipprovduta lilu l-informazzjoni kollha pertinenti sabiex ikun jista' jiddeciedi dwar dan il-kaz (ara kopja tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok. "F");

8. Illi huwa principju ben stabbilit fit-Trattat tal-Komunita' Ewropea u fil-kazistika tal-"Court of Justice of the European Union" illi r-Regolamenti mahruga mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ghandhom effett dirett gewwa l-pajjizi Membri tal-Unjoni Ewropea u ghaldaqstant il-provvedimenti legali tar-Regolament U.E. 608/2013 ghandhom jigu nvokati direttament mill-Qrati Maltin fil-kwistjonijiet u l-kawzi li jkunu qed jigu trattati quddiemhom;

9. Illi l-pubblikazzjoni tal-listi ta' qrati tat-trademarks tal-UE, u qrati tad-disinni Komunitarji skont l-Artikolu 123(3) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2017/1001 dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 80(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 dwar id-disinni Komunitarji (2020/C 327/06) jistipula illi l-Qrati Maltin li jistghu jittrattaw dwar Registered Community Designs huma l-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell;

10. Illi l-Avukat Dr Antoine Camilleri noe jiddikjara illi l-fatti suesposti jafhom in parti personalment u in parti minn informazzjoni li nghatatlu mill-Kontrollur tad-Dwana u mill-mandanti tieghu;

Ghaldaqstant, ir-rikorrent nomine jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-zraben sportivi in kwistjoni li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lil Kontrollur tad-Dwana u li jikkonsistu f'elf sebgha mija u erbgha u sittin (1,764) par zraben sportivi u li nstabu gewwa l-Container Numru ECMU8006234, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b'piraterija skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u/jew skont l-Artikolu 2(5) u/jew (6) tar-Regolament U.E. 608/2013;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din l-imsemmija konsenja ta' zraben sportivi li tikkonsisti f'elf sebgha mija u erbgha u sittin (1,764) par zraben sportivi, f'Container Numru ECMU8006234, da parti tal-intimati jew min minnhom, u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta rikorrenti in kwantu li ma humiex genwini skont l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-Artikolu 4 tal-istess Kap. 414, u dan fil-konfront tar-registrazzjoni tal-EU Community Design Numru 006570867-0001, Numru 006570867-0002, Numru 006570867-0003 u Numru 006570867-0004 irregistrati f'isem is-socjeta rikorrenti u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi ghandha s-socjeta rikorrenti fuq l-imsemmija disinni rregistrati;

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta rikorrenti a bazi tal-ewwel talba u/jew tat-tieni talba sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi in kwistjoni

minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tal-intimati jew min minnhom, skont l-Artikolu 8 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u skont il-provvedimenti tar-Regolament U.E. 608/2013;

4. Tordna kull rimedju iehor li tista' skont it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Kap. 417 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-Kap. 488 tal-Ligijiet ta' Malta, tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 6/2002 u tar-Regolament U.E. 608/2013 fil-konfront tas-socjeta rikorrenti;

5. Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni taz-zraben sportivi in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament U.E. 608/2013;

Bl-ispejjez, kontra l-intimati jew min minnhom li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati tad-9 ta' Gunju 2022 fejn ecceppew:

Illi permezz tad-digriet tat-28 ta' April 2022, Dr Daniel Attard u PL Veronica Rossignaud gew mahtura bhala kuraturi deptuati sabiex jirraprezentaw lil DTD Global Services Ltd, Room 606, Building E Bantian International Centre Huancheng South Road No 5 Bantian Street Longgang District Shenzhen, China u United Freight and Trasport Service Sarl U.T.F.S. Port Area Port Tower Building 6th Floor Beirut Lebanan.
Illi b'refrenza ghar-rikors tal-atturi tas-17 ta' Marzu 2022, is-sottoskritti qeghdin jiddikjaraw illi mhumiex edotti mill-fatti fil-konfront tal-intimati.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
Bl-ispejjez.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li s-socjeta attrici hija proprjetarja ta' diversi disinni fost ohrajn tad-disinni maghrufa bhala "adidas Yeezy design", liema disinni huma uzati minn din is-socjeta fuq diversi prodotti bhal zraben sportivi, u dan skont kif jidher fuq id-Dokumenti A sa D, liema disinni huma registrati bhala EU Trade Mark bin-numri 006570867-0001, 006570867-0002, 006570867-0003, u 006570867-0004.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kien inhatt fil-port hieles ta' Marsaxlokk minn fuq il-vapur CMA CGM TENERE li kien diehel Malta fit-13 ta' Jannar 2022 l-Ufficjali tad-Dwana sabu konsenja ta' mija sebgha u erbghin (147) kaxxa b'total ta' elf seba' mija u erbgha u sittin (1,764) par zraben sportivi, f'Container Numru ECMU8006234, u li kien hemm suspett li ma humiex genwini u dan bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 414, u minn ezamijiet li saru sussegwentement fuq l-istess oggetti, instab li dawn kienu kontrafatti. Dan kollu jirrizulta mir-rapport datat 14 ta' Marzu 2022 (Dok. AC1 fol. 99) maghmul min Sarah Talbot u Aline Olie, rapprezentanti tas-socjeta attrici.

Illi allura jirrizulta li kien hemm ksur tal-protezzjoni moghti bl-artikoli appositi tal-Kap. 414 u l-artikolu 9 tar-Regolament EU 2017/1001 u tal-provvedimenti tar-Regolament 608/2013, u s-socjeta attrici inizjat dawn l-opportuni proceduri gudizzjarji skont il-ligi, u fit-terminu indikat.

Peress li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet attrici jidhru li gew kollha konfermati permezz tad-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat u atti ohra prezentati fl-atti tal-kawza li jinkludu l-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana Randolph Mizzi datat 14 ta' Gunju 2022 (Dok. RM1 fol. 97) li kkonferma li l-istess oggetti hawn indikati ghadhom qed jinzammu fl-imhazen tad-Dwana, u tar-rapport ta' Sarah Talbot u Aline Olie li kkonfermaw li mill-ezamijiet li saru fuq l-istess merkanzija mertu tal-kawza odjerna kienet fil-fatt kontrafatta.

Illi l-ispejjez kollha inkluzi sabiex issir id-distruzzjoni tal-istess oggetti hija elenkata fl-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana (fol. 98). Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kif gej.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati, tilqa' t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz b'dan illi

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konsenja in kwistjoni ta' mija sebgha u erbghin (147) kaxxa b'total ta' elf seba' mija u erbgha u sittin (1,764) par zraben sportivi, f'Container Numru ECMU8006234, li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta attrici lill-istess Kontrollur, huma oggetti falsifikati u jikkontravvjenu l-artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-Kap. 414 u l-artikolu 4 tal-Kap. 414 kif ukoll l-artikolu 2(5) u (6) tar-Regolament EU 608/2013;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi d-dhul gewwa Malta u/jew l-importazzjoni temporanja u/jew tqeghid gewwa zona hielsa jew mahzen hieles ta' din il-konsenja ta' mija sebgha u erbghin (147) kaxxa b'total ta' elf seba' mija u erbgha u sittin (1,764) par zraben sportivi, f'Container Numru ECMU8006234, da parti tal-konvenuti u li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlet is-socjeta attrici lill-Kontrollur tad-Dwana jikkontravvjenu d-dritt ta' proprjeta intellettwali tas-socjeta attrici inkwantu li ma humiex genwini, skont l-artikolu 2(1)(a) u (b) tal-Kap. 414 u ghaldaqstant vjolazzjoni tal-artikolu 4 tal-istess Kap. 414 kif ukoll l-artikolu 9(1), (2), (3), (4) tar-Regolament EU 2017/1001, u dan fil-konfront tal-EU Trade Marks registrati f'isem is-socjeta attrici u/jew fil-konfront tad-drittijiet tal-awtur illi s-socjeta attrici ghandha fuq id-disinni taghha "adidas Yeezy design";

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana a bazi tal-ewwel u t-tieni talbiet sabiex fi zmien qasir u perentorju ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jiddistruggi l-oggetti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez tal-konvenuti, skont l-artikolu 8 tal-Kap. 414 u l-provvedimenti tal-artikolu 23 tar-regolament EU 608/2013;

4. Tordna lis-socjetajiet konvenuti jhallsu l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna, tad-distruzzjoni tal-oggetti in kwistjoni, u tal-ispejjez tal-Ufficjali tad-Dwana skont it-termini tal-Kap. 414 u tar-regolament EU 608/2013, u dan kif jirrizulta mill-affidavit tal-Ufficjal tad-Dwana (fol. 98);

5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' talba;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti b'dan li l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur